**F’qalbi Karm**

X’ħin rajt ismek miktub fuq ir-reġistru
Moħħi u qalbi mill-ewwel ħasbu fiss fik,
Int li bi ħlewwietek u bis-sliem tiegħek
Missejt lil dawk kollha li daru tant bik.

X’ġieħ kien għalija meta kont inżurek
U miegħek naqsam ftit ħin b’diskursata,
Emminni, inħares lura w niftakar
Kemm kienet barket Alla f’maltempata.

It-tbissima ħelwa tiegħek bit-tama
Lili hennet b’turrun ta’ grazzji wisq kbar,
Għallmittni li f’kull punt ta’ din il-ħajja
Dejjem hemm faraġ kemm bil-lejl u bin-nhar.

U dawk il-quddisiet li konn’għamilna
Kemm sabbruna fl-eqqel tal-mard u l-uġiegħ,
Donnu aktar mar-riħ fettillu jonfoħ
Fi ħdan Kristu l-Ħanin sibna tant mistrieħ.

Naf li miegħek, biswitek, inti kellek
‘L Marija Ommna, il-kbira Lunzjata,
Li b’talbha mimli mħabba għalik fis-skiet
Wieżnitek f’mixjietek lejn Kristu l-Blata.

Niżżik ħajr għażiż ħija li rnexxilek
Li lilna lkoll li qsamna dal-vjaġġ miegħek,
Seħħlek tiġborna bħala familja
Biex flimkien nduqu l-imħabba tiegħek.

Itlob għall-għażiża martek w uliedek
għan-neputi u mart ibnek f’dan il-hawn,
Il-Mulej jilqgħek fi ħdanu, niżik ħajr
Ta’ kemm ħabbejt fis-sewwa, f’qalbi int Karm.

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta’ Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.